32006R1417

L 267/34 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 27.9.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1417/2006

tas-26 ta' Settembru 2006

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2005 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 fir-rigward ta' miżuri għall-bejgħ ta' krema, butir u butir konċentrat fis-suq Komunitarju

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib[1], u b'mod partikolari l-Artikoli 10, 15 u 40 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-dawl tat-tnaqqis fl-ammonti ta' għajnuna għall-użu tal-butir, butir konċentrat u krema fil-prodotti ta' l-għaġina, ġelat u oġġetti oħra ta' l-ikel u għall-butir konċentrat għall-konsum dirett, il-livell ta' garanziji rigward l-offerti u l-livell ta' tnaqqis ta' l-għajnuna, rispettivament is-sekwestru tal-garanzija għall-proċessar talli skada l-limitu taż-żmien għall-ipproċessar għandu jiġi adattat.

(2) Fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba, ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2005[2] għandhom jiġu ċċarati.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1898/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

---

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).

[2] ĠU L 308, 25.11.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2107/2005 (ĠU 337, 22.12.2005, p. 20).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1898/2005 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-punt (b) l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 6(1), it-test introduttorju jinbidel b'dan li ġej:

"(b) billi jintuża, fl-istabbiliment fejn l-inkorporazzjoni fil-prodotti finali hija affettwata, minimu ta' ħames tunnellati fix-xahar jew perjodu ta' 30 ġurnata, jew 45 tunnellata għal perjodu ta' 12-il xahar ta' oġġett ekwivalenti għall-butir jew l-istess kwantitajiet fi prodotti intermedjarji:"

(2) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) huma kapaċi jipproċessaw jew jinkorporaw għall-anqas ħames tunnellati fix-xajar jew perjodu ta' 30 ġurnata, jew 45 tunnellata għal perjodu ta' 12-il xahar, jew l-ekwivalenti f'butir konċentrat jew krema, jew, fejn applikabbli, prodotti intermedjarji;"

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu hu mibdul b'li ġej:

"Fuq talba mill-istabbiliment konċernat, l-Istati Membri jistgħu jneħħu l-obbligu previst fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu jew l-istabbiliment ikollu post li jiżgura s-separazzjoni tajba u l-identifikazzjoni ta' kull stokk ta' grass tal-butir konċernat."

(3) Fl-Artikolu 27, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-garanzija ta' l-offerta għandha tkun:

(a) EUR 61 għal kull tunnellata għal butir konċentrat;

(b) EUR 50 għal kull tunnellata għal butir ta' l-intervent, butir u prodotti intermedjarji msemmija fl-Artikolu 4(1)(b)(ii);

(c) EUR 22 għal kull tunnellata għall-krema."

(4) Fl-Artikolu 28, jitħassar il-paragrafu 4.

(5) Fl-Artikolu 35, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, fejn il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 11 jinqabeż, fejn il-proċedura ta' inkorporazzjoni użata hija dik prevista fl-Artikolu 6(1)(b), l-ammont ta' għajnuna għandu jitnaqqas bi 15%, u wara bi 2% ta' l-ammont li jibqa' għal kull ġurnata."

(6) Fl-Artikolu 45(1), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-miżuri ta' kontroll prevsiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3002/92 għandhom japplikaw ukoll għal prodotti msemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament mill-bidu ta' operazzjonijiet ta' traċċar imsemmija fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, jew fil-każ ta' butir konċentrat li ma jkunux żdidulu traċċaturi, mid-data tal-manifattura, jew fil-każ ta' grass tal-ħalib, mid-data tal-produzzjoni, jew, fil-każ ta' butr li ma jkunux żdidulu traċċaturi u li huwa inkorporat fil-prodotti intermedjarji, mid-data ta' l-inkorporazzjoni u sa l-inkorporazzjoni fil-prodotti finali."

(7) Fl-Artikolu 53(2), l-ammont "EUR 100" jinbidel bl-ammont "EUR 61".

(8) Fl-Artikolu 58, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Fejn kopja tal-kontroll T5 trid tiġi użata bħala prova ta' akkwist minn kumpanija tal-kummerċ u ma ġietx irritornata lill-aġenzija li tkun qed iżżomm is-sigurtà fi żmien 12-il xahar wara x-xahar tal-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' l-offerti msemmija fl-Artikolu 49(3), minħabba ċ-ċirkostanzi lilhinn mill-kontroll tal-parti interessata, il-parti tista' tagħmel applikazzjoni raġonata ma' l-awtoritajiet kompetenti qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-ekwivalenza tat-trattemnt, flimkien mad-dokumenti ta' appoġġ, li jridu jinkludu d-dokumenti ta' trasport u dokument li juri li l-butir konċentrat ittieħed mill-kumpanija tal-kummerċ."

(9) Fl-Artikolu 62, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, fejn il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 jinqabeż, l-ammont ta' għajnuna għandu jitnaqqas bi 15%, u wara bi 2% ta' l-ammont li jibqa' għal kull jum."

(10) Fl-Artikolu 63 (2), il-punt (f) hu sostitwit b'li ġej:

"(f) jimpenjaw ruħhom li jibgħatu il-programm tagħhom tal-fabbrikazzjoni għal kull kunsinna, skond l-arranġamenti deċiżi mill-Istat Membru ikkonċernat, lill-korp responsabbli għall-kontrolli msemmija f'Artikolu 67."

(11) L-Annessi VIII, XIII u XV huma emendati skont l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 1(3), (4), (5), (7) u (9) għandhom japplikaw għall-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti li għalihom id-data finali għas-sottomissjoni ta' l-offerti taqa' wara l-1 ta' Ottubru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 26 ta' Settembru 2006

Għall-Kummissjoni
Mariann Fischer Boel
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1898/2005 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness VIII, in-nota f'qiegħ il-paġna 1 tiġi sostitwita b'li ġej:

"(1) Kwalità ta' grass tal-ħalib imsemmi fl-Artikolu 5(2) użat għall-manifattura ta':

– butir konċentrat li miegħu ma ġewx miżjuda t-traċċjaturi:

formola A: _____ tunnellati; formola B: _____ tunnellati;

– butir konċentrat li miegħu żdiedu t-traċċjaturi:

formola A: _____ tunnellati; formola B: _____ tunnellati."

(2) L-Anness XIII huwa emendat kif ġej:

(a) fit-taqsima A, il-punt (d) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) Mad-dispaċċ tal-krema li magħha ġew miżjuda t-traċċjaturi għall-inkorporazzjoni fil-prodotti finali:

– il-kaxxa 104 tal-kopja tal-kontroll T5:

– *bl-Ispanjol:* Nata con adición de marcadores destinada a su incorporación a los productos finales contemplados en el artículo 4 del Reglamento (CE) no 1898/2005

– *biċ-Ċek:* Smetana s přídavkem stopovacích látek určená k přimíchání do konečných produktů uvedených v článku 4 nařízení (ES) č. 1898/2005

– *bid-Daniż:* Fløde tilsat røbestoffer, bestemt til iblanding i produkter, som omhandlet i artikel 4 i forordning (EF) nr. 1898/2005

– *bil-Ġemaniż:* Gekennzeichneter Rahm zur Beimischung zu Enderzeugnissen gemäß Artikel 4 der Verordnung (EG) Nr. 1898/2005

– *bl-Estonjan:* Märgistusainetega koor, mis on ette nähtud kasutamiseks määruse (EÜ) nr 1898/2005 artiklis 4 osutatud tootes

– *bil-Griek:* Κρέμα γάλακτος ιχνοθετημένη, που προορίζεται να ενσωματωθεί στα προϊόντα που αναφέρονται στο άρθρο 4 του κανονισμού (ΕΚ) αριθ. 1898/2005

– *bl-Ingliż:* Cream to which tracers have been added for incorporation into the final products referred to in Article 4 of Regulation (EC) No 1898/2005

– *bil-Franċiż:* Crème tracée destinée à être incorporée dans les produits finaux visés à l'article 4 du règlement (CE) no 1898/2005

– *bit-Taljan:* Crema contenente rivelatori destinata ad essere incorporata nei prodotti di cui all'articolo 4 del regolamento (CE) n. 1898/2005

– *bil-Latvjan:* Krejums ar pievienotiem markieriem, kas paredzets iestradei (pievienošanai) Regulas (EK) Nr. 1898/2005 4. panta minetos produktos

– *bil-Litwan:* Grietinele, i kuri[1] prideta atsekamuju medžiagu, skirta deti i produktus, nurodytus Reglamento (EB) Nr. 1898/2005 4 straipsnyje

– *bl-Ungeriż:* Tejszín, amelyhez jelölõanyagokat adtak az 1898/2005/EK rendelet 4. cikkében említett termékekbe való bedolgozásra

– *bil-Malti:* Krema li ġiet miżjuda bi traċċanti għall-inkorporazzjoni fil-prodotti finali msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1898/2005

– *bl-Olandiż:* Room waarin verklikstoffen zijn toegevoegd, bestemd voor bijmenging in de in artikel 4 van Verordening (EG) nr. 1898/2005 bedoelde eindproducten

– *bil-Pollakk:* Œmietana, do której dodano znaczniki, przeznaczona do włączenia do jednego z produktów, o których mowa w artykule 4 rozporz¹dzenia (WE) nr 1898/2005

– *bil-Portugiż:* Nata marcada destinada a ser incorporada nos produtos finais referidos no artigo 4.o do Regulamento (CE) n.o 1898/2005

– *bis-Slovakk:* Smotana, do ktorej boli pridané znaèkovacie látky, na vmiešavanie do tovarov uvedených v èlánku 4 nariadenia (ES) è. 1898/2005

– *bis-Sloven:* Smetana z dodanimi sledljivimi snovmi za dodajanje k proizvodom iz èlena 4 Uredbe (ES) št. 1898/2005

– *bil-Finlandiż:* Merkitty kerma, joka on tarkoitettu käytettäväksi asetuksen (EY) N:o 1898/2005 4 artiklassa tarkoitettuihin tuotteisiin

– *bl-Iżvediż:* Grädde med tillsats av spårämnen avsedd att blandas i de produkter som avses i artikel 4 i förordning (EG) nr 1898/2005

– il-kaxxa 106 tal-kopja tal-kontroll T5:

1. id-data finali għall-inkorporazzjoni fil-prodotti finali;

2. l-indikazzjoni ta' l-użu maħsub (il-formola B)."

(b) fit-tieni inċiż tat-taqsima C, il-punt 2 jiġi mħassar:

(3) L-Anness XV huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 1, ir-raba' inċiż jinbidel b'li ġej:

– "- *bil-Ġermaniż*: Butterschmalz/Butterfett – Verordnung (EG) Nr. 1898/2005 Kapitel III"

(b) Fil-punt 3, ir-raba' inċiż jinbidel b'li ġej:

– "- *bil-Ġermaniż*: Verpacktes Butterschmalz/Butterfett zum unmittelbaren Verbrauch in der Gemeinschaft (vom Einzelhandel zu übernehmen)".